MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2001

Avvi$Z Numru. 2361/1998/1

**Avviz Nru:-2361/98 DM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Ivan Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin liri maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm578.38) rapprezentanti danni minnu kkagunati f''High Tension cable' propjeta tal-Korporazzjoni attrici u dana meta nhar 2 ta' Awissu 1996 waqt illi kien qieghed jesegwixxi xogholijiet f'Ghar Barka - Rabat, liema hsarat gew ikkagunati minhabba traskuragni, negligenza u mprudenza da parti tieghu, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet

legali dekorribbli mid-data tal-incidenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu 1998, tas-26 ta’ Frar 1998, u l-ittra bonarja tat-22 ta’ Dicembru 1997, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi in konnessjoni mad-drittijiet professjonali u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap.16).
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-decizjoni taghha tas-6 t’April 2001 fejn il-Qorti rrespingiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat illi l-konvenut ma deherx fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici fil-mertu tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ hames mija u tmienja u sebghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm578.38) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mill-4 ta’ Marzu 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------